Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri

Iċ-Ċekja

1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

B'mod ġenerali, l-iskadenzi li huma rilevanti fi proċeduri ċivili huma proċedurali jew sostantivi.

Hemm żewġ tipi ta' skadenzi proċedurali: statutorji u ġudizzjarji.

L-iskadenzi statutorji huma stabbiliti bil-liġi. Nuqqas ta' osservanza ta' skadenza proċedurali statutorja dejjem jinvolvi xi tip ta' konsegwenza proċedurali (pereżempju, telf tal-possibbiltà tal-eżekuzzjoni b'suċċess ta' kompitu partikolari, l-impożizzjoni ta' multa dixxiplinarja). In-nuqqas ta' osservanza ta' skadenza statutorja jista' jiġi skużat (ara l-Artikolu 58 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*zákon č. 99/1963 Sb., občanský soudní řád, ve znění pozdějších předpisů*) (*Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili*), kif emendat, jekk il-parti jew ir-rappreżentant legali tagħha jkunu naqsu milli josservaw l-iskadenza għal raġuni skużabbli, li b'riżultat tagħha ma setgħux iwettqu azzjoni li kienu intitolati li jeffettwaw. Rikors irid jiġi ppreżentat fi żmien 15-il jum minn dakinhar li l-ostaklu ma baqax fattur, u l-azzjoni li tkun għadha ma tteħditx trid tiġi effettwata fl-istess ħin. Qorti tista', fuq talba ta' parti, tagħti effett sospensiv lir-rikors, sabiex b' hekk tiskuża n-nuqqas ta' osservanza tal-iskadenza.

Jekk ma jiġi stabbilit ebda limitu ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' azzjoni direttament mil-liġi, dan jiġi stabbilit mill-president tal-bord ġudizzjarju (jew l-imħallef li jisma' l-kawża waħdu). Il-president tal-bord ġudizzjarju (jew l-imħallef li jisma' l-kawża waħdu) jista' jistabbilixxi skadenza mhux biss f'dawk il-kawżi li huma previsti mil-liġi, iżda wkoll fil-kawżi meta jkun meħtieġ li jiżgura li l-proċedimenti jimxu b'mod effiċjenti u bil-ħeffa li jistħoqqu. Qorti tista' testendi terminu ġudizzjarju abbażi taċ-ċirkostanzi (ara l-Artikolu 55 tal-Att Nru. 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat). Mhuwiex permessibbli li tiġi skużata skadenza li tinqabeż.

L-iskadenzi proċedurali mhumiex skadenzi stabbiliti għall-qorti, pereżempju, għall-ħruġ ta' deċiżjoni: tali skadenzi huma skadenzi amministrattivi.

2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Jum it-Tiġdid tal-Istat Ċek Indipendenti, l-Ewwel tas-Sena: L-1 ta' Jannar

It-Tnejn ta' Wara l-Għid: il-jum jinbidel, iżda ġeneralment il-btala tiġi fl-aħħar ta' Marzu jew fil-bidu ta' April.

Jum il-Ħaddiema: L-1 ta' Mejju

Jum il-Vitorja: It-8 ta' Mejju

Il-Jum iddedikat lill-Missjunarji Slavi Ċirillu u Metodju: Il-5 ta' Lulju

Il-Jum iddedikat lill-Ħruq ta' Jan Hus: Is-6 ta' Lulju

Il-Jum iddedikat lis-Sovranità tar-Repubblika Ċeka: It-28 ta' Settembru

Id-Data tal-Ħolqien ta' Stat Ċekoslovakk Indipendenti: It-28 ta' Ottubru

Il-Jum iddedikat lill-Ġlieda għal-Libertà u d-Demokrazija: Is-17 ta' Novembru

Lejlet il-Milied: L-24 ta' Diċembru

Jum il-Milied: Il-25 ta' Diċembru

L-Għada tal-Milied: Is-26 ta' Diċembru

3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta' proċeduri ċivili differenti?

Ir-regoli statutorji għall-metodu li permezz tiegħu jiġu kkalkolati t-termini huma stabbiliti fit-Taqsimiet 55-58 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat.

Terminu stabbilit f'jiem jibda fil-jum wara l-fatt li huwa deċiżiv għall-bidu tiegħu.

Nofs xahar ifisser ħmistax-il jum.

It-tmiem ta' perjodu stabbilit f'ġimgħat, xhur jew snin jaqa' fil-jum li d-deżinjazzjoni jew in-numru tiegħu jikkorrespondu għall-jum li fih seħħ l-avveniment li minnu jibda jiddekorri l-perjodu. Jekk ma jkun hemm ebda jum bħal dan fl-aħħar xahar, it-tmiem tal-perjodu jaqa' fl-aħħar jum tax-xahar.

Jekk l-aħħar jum ta' perjodu jaqa' nhar ta' Sibt, Ħadd jew fi btala pubblika, l-aħħar jum tal-perjodu huwa l-jum tax-xogħol li jkun imiss.

Il-perjodi stabbiliti f'sigħat jintemmu mal-iskadenza tas-siegħa li d-deżinjazzjoni tagħha tikkorrespondi għas-siegħa meta seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu tal-perjodu.

Skadenza proċedurali tintlaħaq jekk l-azzjoni tiġi eżegwita f'qorti jew preżentazzjoni tiġi ttrasferita lil awtorità li hija obbligata li twassalha, jiġifieri, ħafna drabi detentur ta' liċenzja postali, fl-aħħar jum tal-perjodu.

Jekk il-proċedimenti jkunu ġew interrotti, id-dekorrenza tat-termini proċedurali tiġi interrotta wkoll (l-Artikolu 111(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk il-proċedimenti jitkomplew, il-perjodi jerġgħu jibdew jiddekorru.

4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Il-jum li fih seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu ta' terminu ma jiġix inkluż fil-kalkolu tat-terminu. Dan ma japplikax fil-każ ta' terminu stabbilit f'sigħat. B' hekk, terminu ġeneralment jiddekorri mill-jum wara dak li fih seħħ l-avveniment deċiżiv għad-dekorrenza tat-terminu (ara l-Artikolu 57(1) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat).

5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Le.

6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Il-jum li fih seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu ta' terminu ma jiġix inkluż fil-kalkolu tat-terminu. Dan ma japplikax fil-każ ta' terminu stabbilit f'sigħat (ara l-Artikolu 57(1) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat).

7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Perjodu jiġi kkalkolat f'jiem kalendarji.

8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-perjodi stabbiliti f'ġimgħat jidhru biss rarament fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963, kif emendat) (pereżempju, l-Artikolu 260(3), l-Artikolu 295(1) u t-Artikolu 295(2)). Huma jidhru aktar ta' spiss bħala skadenzi ġudizzjarji fil-prattika ġudizzjarja.

Il-perjodi stabbiliti f'xhur jidhru fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili fit-tul ta' xahar (pereżempju, l-Artikolu 82(3), l-Artikolu 336m(2) u l-Artikolu 338za(2)); xahrejn (pereżempju, l-Artikolu 240(1) u l-Artikolu 247(1)); tliet xhur (pereżempju, l-Artikolu 111(3), l-Artikolu 233(1) u l-Artikolu 234(1)); u sitt xhur (pereżempju, l-Artikolu 77a(2) u l-Artikolu 260g(3)).

Il-perjodi stabbiliti fi snin huma ta' żewġ tipi fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili: perjodu ta' sena (pereżempju, l-Artikolu 111(3)) u perjodu ta' tliet snin (pereżempju, l-Artikolu 99(3), l-Artikolu 233(2) u l-Artikolu 234(2)).

9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Il-perjodi stabbiliti f'ġimgħat, xhur jew snin jintemmu fi tmiem il-jum li d-deżinjazzjoni tiegħu tikkorrespondi għall-jum li fih seħħ l-avveniment li ddetermina l-bidu tal-perjodu u, jekk ma jkun hemm ebda jum bħal dan fix-xahar, mela fl-aħħar jum tax-xahar (ara l-Artikolu 57(2) tal-Att Nru 99/163, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat).

10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Iva (ara l-Artikolu 57(2) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat).

11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

L-iskadenzi proċedurali statutorji ma jistgħux jinbidlu permezz ta' deċiżjoni tal-qorti.

Perjodu proċedurali ġudizzjarju jista' jiġi estiż minn qorti, skont iċ-ċirkostanzi.

12 X'inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

Parti tista' tikkontesta d-deċiżjoni ta' qorti distrettwali (*okresní soud*) jew id-deċiżjoni ta' qorti reġjonali (*krajský soud*) mogħtija fi proċedimenti tal-prim'istanza permezz ta' sentenza, sakemm il-liġi ma teskludix dan (ara l-Artikolu 201 tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat). Appell għandu jitressaq fi żmien ħmistax-il jum mill-għoti ta' deċiżjoni bil-miktub, fil-qorti li d-deċiżjoni tagħha tkun qed tiġi kkontestata. Il-perjodu għat-tressiq ta' appell ma jinkludix il-jum li fih id-deċiżjoni ġiet innotifikata lill-parti. Sabiex tiġi osservata din l-iskadenza proċedurali, huwa biżżejjed jekk l-appell jiġi ttrasferit lil awtorità li hija obbligata li tinnotifikah (b'mod partikolari, detentur ta' liċenzja postali, istituzzjoni ta' ħabs fil-każ ta' persuni mitfugħa l-ħabs jew miżmuma f'kustodja, istituzzjoni għat-trobbija protettiva jew istituzzjonali ta' persuna mqiegħda fiha, eċċ.) jew fil-qorti fl-aħħar jum tal-perjodu.

Jekk tkun inħarġet deċiżjoni korrettiva li tappartjeni għad-deċiżjoni proprja, il-perjodu jiddekorri mid-data effettiva tad-deċiżjoni korrettiva (ara l-Artikolu 204(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Appell imressaq wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 15-il jum sempliċiment minħabba li l-appellant segwa struzzjoni skorretta mogħtija mill-qorti fir-rigward ta' appell jitqies bħala li tressaq fil-ħin. Jekk deċiżjoni ma jkunx fiha struzzjonijiet dwar appell, dwar it-terminu għal appell jew dwar il-qorti li fiha għandu jitressaq tali appell, jew jekk ikun fiha struzzjonijiet skorretti li jiddikjaraw li appell mhuwiex permessibbli, appell jista' jitressaq fi żmien tliet xhur min-notifika tad-deċiżjoni.

Jekk tkun ingħatat ordni għal ħlas f'kawża, dik l-ordni tista' titwaqqaf milli ssir effettiva biss billi tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni mill-konvenut, fil-perjodu statutorju ta' 15-il jum mill-jum tan-notifika tal-ordni, fil-qorti li toħroġ l-ordni (ara l-Artikolu 172(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-ordni għall-ħlas tiġi annullata permezz tal-preżentata ta' dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, u l-qorti tordna seduta ta' smigħ. Appell jista' jitressaq biss kontra d-dikjarazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż tal-proċeduri, iżda dan ma jannullax l-ordni għall-ħlas b'mod awtomatiku.

13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963, kif emendat) jagħmilha possibbli li tiġi aġġornata seduta ta' smigħ għal raġunijiet importanti, jekk kwistjoni ma tkunx tista' tiġi ddeliberata u deċiża f'seduta ta' smigħ waħda (ara l-Artikolu 119 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Raġuni importanti għal aġġornament tista' tkun, pereżempju, il-fatt li waħda mill-partijiet għall-proċedimenti tkun naqset milli tattendi l-qorti u ma jkunx possibbli li s-seduta ta' smigħ issir fl-assenza tagħha (ara l-Artikolu 101 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), jew jekk waħda mill-partijiet ma kellhiex biżżejjed żmien sabiex tipprepara għas-seduta ta' smigħ minħabba li t-taħrika ma tkunx waslitilha b'avviż suffiċjenti minn qabel, jew inkella għal raġunijiet importanti oħrajn.

Parti tista' titlob lill-qorti sabiex taġġorna seduta ta' smigħ. Qorti tiddeċiedi dwar talba ta' parti għal aġġornament, li tkun ġiet ippreżentata bil-quddiem, fuq il-bażi tas-serjetà tar-raġuni mitluba. Jekk il-qorti ma tilqax it-talba tal-parti, il-parti tkun trid tidher għas-seduta ta' smigħ.

14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f'post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f'post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta' din l-iskadenza?

Il-liġijiet tar-Repubblika Ċeka ma jirregolawx espliċitament sitwazzjoni bħal din.

Fil-każ ta' proċedimenti li jinvolvu element internazzjonali, li matulhom għandu jiġi nnotifikat dokument lil parti li tkun tirrisjedi barra l-pajjiż, jiġu applikati r-regoli proċedurali tal-*lex fori*, jiġifieri r-regoli proċedurali tal-qorti li fil-ġurisdizzjoni tagħha taqa' l-kawża.

15 X'inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

Kull nuqqas ta' osservanza ta' skadenza proċedurali jkollu konsegwenzi proċedurali.

Jekk il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963, kif emendat) jistabbilixxi skadenza partikolari għall-eżekuzzjoni ta' azzjoni (pereżempju, it-tressiq ta' appell jew appell straordinarju), in-nuqqas li tintlaħaq l-iskadenza jirriżulta fit-telf tal-possibbiltà li l-azzjoni tiġi eżegwita b'suċċess. Skadenza li tinqabeż tista' tiġi skużata jekk il-parti jew ir-rappreżentant tagħha jkunu qabżuha għal raġuni skużabbli (pereżempju, marda f'daqqa, korriment, eċċ.) u għalhekk ma jkunux jistgħu jeżegwixxu l-azzjoni li jkunu intitolati jeffettwaw (ara l-Artikolu 58 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), sakemm l-iskużar ta' skadenza speċifika li tinqabeż ma jkunx eskluż mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (pereżempju, skont l-Artikolu 235(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-iskużar ta' skadenza li tinqabeż huwa eskluż fil-każ tar-rikorsi għat-tiġdid tal-proċedimenti u għall-konfużjoni). Fil-każ ta' skadenza stabbilita għal konformità ma' obbligu partikolari, in-nuqqas li tintlaħaq l-iskadenza jwassal sabiex tiġi imposta sanzjoni partikolari (pereżempju, multa dixxiplinarja).

Kull każ ta' skadenza proċedurali ġudizzjarja li tinqabeż huwa marbut bil-liġi ma' ċerti konsegwenzi. Skadenza ġudizzjarja tista' tiġi estiża mill-president ta' bord ġudizzjarju (jew minn imħallef li jisma' l-kawża waħdu). Mhuwiex permessibbli li tiġi skużata skadenza ġudizzjarja li tinqabeż.

Ordni għal ħlas li kontriha ma tkun ġiet iddepożitata ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għandha l-effetti ta' sentenza infurzabbli u finali (ara l-Artikolu 174(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Seduta ta' smigħ li tinqabeż għandha konsegwenzi differenti minn skadenza li tinqabeż. Jekk parti debitament imħarrka tonqos milli tidher għal seduta ta' smigħ u tkun naqset milli titlob aġġornament b'mod f'waqtu u għal raġuni importanti, il-qorti tista' tiddelibera fuq il-kwistjoni u tiddeċiedi fl-assenza tagħha (ara l-Artikolu 101(3) tal-Att Nru 99/1963, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kif emendat) u, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 153b tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiġu ssodisfati, hija tista' tagħti sentenza b'kontumaċja.

Jekk il-konvenut jaqbeż l-ewwel seduta ta' smigħ fi kwistjoni fejn tkun ingħatat sentenza b'kontumaċja għal raġunijiet skużabbli, il-qorti għandha tannulla s-sentenza fuq talba tal-konvenut u tordna li ssir seduta ta' smigħ dwar il-kwistjoni. Parti tista' tippreżenta tali rikors sad-data li fiha tidħol fis-seħħ is-sentenza b' kontumaċja (ara l-Artikolu 153b(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Huwa permess ukoll li jitressaq appell dwar il-merti tal-każ kontra sentenza b'kontumaċja. Jekk il-konvenut, minbarra li jkun ippreżenta rikors għall-annullament ta' sentenza ta' qorti tal-prim'istanza, ikun ukoll appella s-sentenza, u r-rikors għall-annullament tas-sentenza jkun ingħata permezz ta' deċiżjoni infurzabbli, l-appell għandu jiġi miċħud (ara l-Artikolu 153b(5) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

L-aħħar aġġornament: 16/09/2020
Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta’ din il-paġna tinżamm mill-punt ta’ kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.